**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Settembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Calvin Camilleri**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Calvin Camilleri, ta' 21 sena, iben Robert-Paul u Sabrina nee' Vassallo, imwieled Pieta', nhar it-2 ta' Jannar 2000, residenti gewwa 51, Fl 1, Salina Crt, Triq Francisco Ximenes, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0009100L.

Akkuzat talli fit-03 ta' Dicembru, 2020 u/jew fil-gimghat ta' qabel, f'diversi hinijiet matul il-gurnata, minn gewwa Hal-Qormi, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahhal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dawn il-proceduri kontra l-imputat jigu trattati bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz kontra taghha jigi hekk trattat.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**4.** Rat li fis-seduta tas-17 ta' Frar 2022, l-imputat irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

**5.** Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghal din l-imputazzjoni hija ta' tmintax-il xahar prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

**6.** Meta regghet issejhet il-kawza, il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u hu wiegeb fl-affermattiv.

**7.** Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu ghal imputazzjoni, l-imputat wiegeb li qed jikkonferma l-ammissjoni tieghu.

**8.** Rat ir-rapport tal-ufficjal tal-probation Joseph Mizzi tal-4 ta' Mejju 2022.

**9.** Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**10.** Mill-ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

**11.** Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, u irregistra ammissjoni fil-bidu nett ta' dawn il-proceduri, u ghaldaqstant ma heliex il-hin u r-rizorsi tal-forzi tal-ordni u ta' din il-Qorti.

**12.** L-Ufficjal Prosekutur iddikjara li huwa irrifonda lill-parti leza l-ammont minnu iggwadanjat illecitament qabel inbdew dawn il-proceduri.

**13.** Minkejja l-eta zghira tieghu, l-imputat ghandu kundanna wahda minn dawn il-Qrati dwar glieda ma' persuni ohra.

**14.** In oltre, mill-istqarrija tieghu jirrizulta li huwa rega' biegh uhud mill-oggetti misruqa mixtrija minnu bi profitt ghalieh.

**15.** Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputat ghandu relazzjoni tajba mal-genituri tieghu u ma hutu.  Fil-prezent huwa qieghed f'relazzjoni, jahdem bhala storekeeper u xufier ma kumpanija u l-passatemp principali tieghu huwa l-footbol ghax huwa plejer u jitrenja kuljum.  Huwa m'ghandux prolbema ta' vizzji u testijiet irrizultaw fin-negattiv ghall-uzu tad-droga.  L-imputat ma jidhrix li ghandu kumpanija hazina, izda jhobb johrogg ma' grupp ta' hbieb u jsegwi l-isports.  Huwa jghid li m'ghandux kwalifici u m'ghamilx tahrig iehor wara l-iskola.

**16.** L-Ufficjal tal-Probation itemm ir-rapport tieghu hekk:

*"**Pjan ta' Kura***

*Mill-attitudni tal-imputat waqt il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport jidher li Calvin huwa persuna ta' riskju baxx.  Camilleri ghandu jibqa' ffukat fuq il-hajja tieghu u ma jizvijax mid-direzzjoni t-tajba anke jekk jista' jkun ittentat minn xi hbieb.  Id-decizjonijiet li jiehu jirrflettu l-karattru tieghu u ghalhekk ghandu juri kemm huwa dixxiplinat fl-imgieba tieghu u ma jergax jirrepeti l-izball li wettaq.  Kemm fix-xoghol tieghu, kemm fir-relazzjoni mas-siehba u fil-familja u anke fil-loghba tal-futball ghandu juri li huwa*

*persuna responsabbli u affidabbli. Jekk Calvin ihoss li ghandu pressjoni jew hsibijiet li qed jinkwetawh ghandu jiftah qalbu u jirrikorri ghall-ghajnuna professjonali. Min-naha l-ohra, huwa jista' wkoll ikompli iwessa l-gharfien u l-hiliet tieghu b'xi tahrig utli ghal hajtu u xoghlu u ma jiqafx jizviluppa u jtejjeb il-personalita tieghu.*

***Rakkomandazzjoni***

*Fid-dawl tal-informazzjoni migubra qed jigi rrakkomandat li l-imputat jinghata sentenza bbazata fil-komunita u jibqa' miexi fit-triq ta' bzulija u jibqa' jsegwi attitudni pozittiva minghajr xkiel. Jirrizulta li Calvin huwa kandidat idoneju sabiex iwettaq xoghol ta' servizz fil-komunita. Dan bl-gharfien li, galadarba huwa jahdem impjieg full-time, ghandu jsib mezz kif iwettaq dan ix-xoghol fil-hin liberu, jekk jinghata din il-piena. Waqt dan iz-zmien, huwa ghandu jirrrifletti kemm huwa ghaqli li jahseb qabel jiehu decizjonijiet biex dawn ma jkunux zbaljati u juri maturita."*

**17.** Fid-dawl tar-rizultanzi tal-Ufficjal tal-Probation, il-Qorti taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni.

**Konkluzjoni**

**18.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Wara li rat l-Artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tenut tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, a tenur ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446, tordna li l-hati jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal zmien tlett (3) snin mill-lum u li jobdi ordni ta' servizz fil-komunita billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitejn (200) siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni hawn annessa, li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

2. Dawn l-ordnijiet qed isiru wara li din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u semplici l-effett ta' dawn l-ordnijiet u li jekk huwa jonqos li jikkonforma ruhu maghhhom jew jaghmel xi reat iehor, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

3. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-Ordnijiet annessi maghha, jintbaghatu lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**